# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

### ***Laqgħa numru 1***

***6.15p.m 4 ta' Lulju 2019***

### ***Preżenti***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | - Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | - Viċi Sindku |
| Is-Sur Colin Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | - Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Lia | - Kunsillier |
| Is-Sinjura Charmaine Aquilina | - Kunsillier |

### ***Assenti b'apoloġija***

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | - Kunsillier |

### ***Uffiċjal Preżenti***

| | |
|---|---|
| Edward Spiteri Audibert | - Segretarju Ezekuttiv |

## *Minuti*

Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ppresjeda l-bidu tal-laqgħa peress li huwa l-aktar persuna anzjana mill-Membri eletti tal-Kunsill.

## *1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

1.1 Waqt l-okkazjoni ma nqrawx ittri t'apolġija iżda l-Membri tal-Kunsill kienu infurmati bl-assenza tal-Kunsillier is-Sur Francis Debono min qabel ma bdiet iċ-ċerimonja tal-ħatriet.

## *1.2 Aċċettazzjoni tal-Ħatra tas-Sindku*

1.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia qal li qed iħossu onorat għall-fatt li ser ikun hu li qed jiftaħ uffiċċjalment il-bidu tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Marsa. Huwa feraħ għall-sħabu Kunsilliera u min qalbu awgura lill-Membri kollha eletti tal-Kunsill ħidma favur ir-residenti u l-lokalita' kollha.

1.2.2 Iċ-Ċerimonja tal-ħatra tas-Sindku bdiet billi l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia talab lis-Sur Josef Azzopardi jekk huwiex lest jokkupa l-kariga ta' Sindku. Is-Sur Josef Azzopardi aċċetta u wara li bies is-Salib beda' jaqra il-gurnament fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Geoffrey Vella, l-Membri kollha tal-Kunsill u numru imdaqqas ta' residenti li attendew għal din iċ-ċerimonja. Wara l-qari tal-ġurament, ġew iffirmati erbgħa kopji.

## *1.3 Aċċettazzjoni tal-Ħatra tal-Viċi Sindku*

1.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Sur Joseph Scerri jekk huwiex lest jokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Joseph Scerri aċċetta u wara li bies is-Salib beda' jaqra l-ġurament fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Geoffrey Vella u l-Membri kollha tal-Kunsill. Wara l-qari tal-ġurament ġew iffirmati erbgħa kopji.

## *54.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

54.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 pm u ġiet aġġornata għat-16 ta' Lulju fis-6.00pm.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermata llum 16 ta' Lulju, 2019